SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla)

4 ta' Lulju 2024*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Agrikoltura – Politika agrikola komuni – Regolament (UE) Nru 1307/2013 – Artikolu 52 – Regolament Delegat (UE) Nru 639/2014 – Artikolu 53(1) – Definizzjoni tal-kriterji ta' eliġibbiltà għal miżuri ta' appoġġ akkoppjat – Kompetenza tal-Istati Membri – Regolament Delegat (UE) Nru 640/2014 – Il-punti 16 u 18 tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) – Distinzjoni bejn 'annimali ddikjarati' u 'annimali ddeterminati' – Artikolu 30(3) – Appoġġ ikkalkolat abbażi tal-annimali ddeterminati – Artikolu 31(1) sa (3) – Sanzjonijiet amministrattivi fil-każ ta' nuqqas ta' konformità fost l-annimali ddikjarati – Applikazzjoni għall-appoġġ akkoppjat marbut maż-żamma ta' baqar li jreddgħu – Rata ta' twellid stabbilita fil-leġiżlazzjoni nazzjonali li ma ntlaħqitx mill-annimali ddikjarati kollha – Rata miksuba minn numru iżgħar ta' dawn l-annimali – Prassi nazzjonali li tirrifjuta l-appoġġ"

Fil-Kawża C-538/22,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Fővárosi Törvényszék (il-Qorti tal-Belt ta' Budapest, l-Ungerija), permezz ta' deċiżjoni tal-25 ta' Lulju 2022, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-11 ta' Awwissu 2022, fil-proċedura

SB

vs

Agrárminiszter,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Is-Sitt Awla),

komposta minn T. von Danwitz, President tal-Awla, P. G. Xuereb (Relatur) u I. Ziemele, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Kokott,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-Gvern Ungeriż, minn Zs. Biró-Tóth u M. Z. Fehér, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż.

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn V. Bottka u A. Sauka, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2023,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-punti 16 u 18 tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1), tal-Artikolu 30(3) u tal-Artikolu 31(1) sa (3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 640/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll u l-kundizzjonijiet għar-rifjut jew l-irtirar ta' pagamenti u penali amministrattivi applikabbli għall-pagamenti diretti, l-appoġġ għall-iżvilupp rurali u l-kundizzjonalità (ĠU 2014, L 181, p. 48), kif emendat bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1393 tal-4 ta' Mejju 2016 (ĠU 2016, L 225, p. 41, rettifika fil-ĠU 2016, L 227, p. 5) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Delegat Nru 640/2014").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn SB, bidwi, u l-Agrárminiszter (il-Ministru għall-Agrikoltura, l-Ungerija) dwar ir-rifjut ta' dan tal-aħħar li jagħti lil SB appoġġ akkoppjat marbut mal-produzzjoni għaż-żamma ta' baqar li jreddgħu.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013

3 L-Artikolu 63 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU 2013, L 347, p. 549, rettifiki fil-ĠU 2016, L 130, p. 6 u fil-ĠU 2017, L 327, p. 83), intitolat "Pagamenti mhux dovuti u pieni amministrattivi", jipprevedi, fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"1. Fejn jinstab li benefiċjarju ma jkunx konformi mal-impenji tal-kriterji ta' eliġibbiltà, impenji jew obbligi oħrajn relatati mal-kondizzjonijiet għall-għoti tal-għajnuna jew appoġġ, kif previst fil-leġislazzjoni agrikola settorjali, l-għajnuna ma għandhiex titħallas jew għandha tiġi rtirata kollha jew parzjalment u, fejn ikun rilevanti, id-drittijiet għal pagamenti korrispondenti kif imsemmijin fl-Artikolu 21 tar-Regolament [(UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU 2013, L 347, p. 608 u rettifika ĠU 2016, L 130, p. 7)] ma għandhomx jiġu allokati jew għandhom jiġu rtirati.

[…]

2. Barra minn hekk, fejn il-leġislazzjoni agrikola settorjali tipprevedi hekk, l-Istati Membri għandhom jimponu wkoll pieni amministrattivi […]"

Ir-Regolament Nru 1307/2013

4 Il-premessa 4 tar-Regolament Nru 1307/2013, kif emendat bir-Regolament (UE) 2017/2393 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2017 (ĠU 2017, L 350, p. 15) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 1307/2013"), tiddikjara:

"Huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li r-Regolament [Nru 1306/2013] u d-dispożizzjonijiet adottati skont dan għandhom japplikaw b'rabta mal-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament. […]"

5 It-Titolu IV tar-Regolament Nru 1307/2013 jinkludi l-Kapitolu 1, intitolat "Appoġġ akkoppjat volontarju", li jinkludi l-Artikolu 52, intitolat "Regoli ġenerali". Dan l-Artikolu 52 jipprevedi:

"1. L-Istati Membri jistgħu jagħtu appoġġ akkoppjat lill-bdiewa skont il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Kapitolu (f'dan il-Kapitolu msejjaħ 'appoġġ akkoppjat').

[…]

6. L-appoġġ akkoppjat huwa skema li tillimita l-produzzjoni li għandha tieħu l-forma ta' pagament annwali ibbażat fuq żoni u rendimenti fissi jew fuq numru fiss ta' annimali u għandu jirrispetta l-limiti massimi finanzjarji li għandhom jiġu determinati mill-Istati Membri għal kull miżura u nnotifikati lill-Kummissjoni [Ewropea].

[…]

9. Biex jiġi żgurat l-użu effiċjenti u mmirat tal-fondi tal-Unjoni [Ewropea] u biex jiġi evitat finanzjament doppju taħt strumenti ta' appoġġ simili, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta l-atti ddelegati skont l-Artikolu 70 li jistipulaw:

(a) il-kondizzjonijiet għall-għoti ta' appoġġ akkoppjat;

(b) regoli dwar konsistenza ma' miżuri oħra tal-Unjoni u dwar l-akkumulazzjoni tal-appoġġ.

[…]"

6 L-Artikolu 53 ta' dan ir-regolament, intitolat "Dispożizzjonijiet finanzjarji", jelenka d-deċiżjonijiet dwar l-appoġġ akkoppjat volontarju li jistgħu jiġu adottati mill-Istati Membri.

7 L-Artikolu 54 tal-imsemmi regolament, intitolat "Notifika", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar id-deċiżjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 53 sad-dati msemmija f'dak Artikolu. […]"

Ir-Regolament Delegat Nru 639/2014

8 L-Artikolu 53 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 639/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lil bdiewa skont skemi ta' appoġġ fi ħdan il-qafas tal-politika agrikola komuni u li jemenda l-Anness X ta' dak ir-Regolament (ĠU 2014, L 181, p. 1), kif emendat bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/1784 tad-9 ta' Lulju 2018 (ĠU 2018, L 293, p. 1) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Delegat Nru 639/2014"), intitolat "Kundizzjonijiet għall-għoti tal-appoġġ", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"L-Istati Membri għandhom jistipulaw kriterji tal-eliġibbiltà għall-miżuri tal-appoġġ akkoppjat f'konformità mal-qafas stipulat fir-[Regolament Nru 1307/2013] u mal-kundizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament."

9 L-Artikolu 67 tar-Regolament Delegat Nru 639/2014, intitolat "Notifiki relatati mal-appoġġ akkoppjat volontarju", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"In-notifiki msemmija fl-Artikolu 54(1) tar-[Regolament Nru 1307/2013] għandhom jinkludu l-oġġetti elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament."

10 Skont l-Anness I tar-Regolament Delegat Nru 639/2014, intitolat "Kontenut tal-informazzjoni li trid tiġi sottomessa lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 67(1)":

"L-informazzjoni għandha tinkludi:

[...]

(3) deskrizzjoni ta' kull miżura ta' appoġġ, li tinkludi mill-anqas:

[...]

(f) il-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà applikabbli;

[...]"

Ir-Regolament Delegat Nru 640/2014

11 Il-premessi 1, 28 u 31 tar-Regolament Delegat Nru 640/2014 jiddikjaraw:

"(1) [...] Ir-Regolament [Nru 1306/2013] jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti ddelegati u atti ta' implimentazzjoni. Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-sistema fil-qafas legali l-ġdid, għandhom jiġu adottati ċerti regoli permezz ta' dawn l-atti. [...]

[...]

(28) Sa fejn huma kkonċernati l-applikazzjonijiet għall-għajnuna taħt l-iskemi ta' għajnuna għall-annimali jew it-talbiet għall-pagament li jaqgħu taħt il-miżuri ta' appoġġ relatati mal-annimali, in-nuqqasijiet ta' konformità jwasslu għall-ineliġibbiltà tal-annimal ikkonċernat. Tnaqqis varju għandu jiġi stipulat sa mill-ewwel annimal li jinstab b'nuqqas ta' konformità iżda, irrispettivament mil-livell ta' tnaqqis, għandu jkun hemm penali

amministrattiva inqas ħarxa meta tliet annimali jew inqas jinstabu b'nuqqasijiet ta' konformità. Fil-każijiet l-oħrajn kollha, is-severità tal-penali amministrattivi għandha tiddependi fuq il-perċentwal tal-annimali li jinstabu b'nuqqasijiet ta' konformità.

[...]

(31) Rifjuti u rtirar tal-appoġġ u penali amministrattivi għandhom jiġu stabbiliti għal miżuri ta' għajnuna għall-iżvilupp rurali wara li jiġi kkunsidrat il-prinċipji ta' dissważjoni u proporzjonalità. Ir-rifjut u l-irtirar tal-appoġġ għandhom ikunu kklassifikati abbażi tas-severità, il-firxa, it-tul ta' żmien u r-ripetizzjoni tan-nuqqas ta' konformità li jkun instab. Rifjut u rtirar tal-appoġġ u penali amministrattivi għandhom, fir-rigward tal-kriterji ta' eliġibbiltà, l-impenji u obbligi oħrajn, iqisu l-karatteristiċi partikolari tad-diversi miżuri ta' appoġġ. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità serju jew fil-każ li l-benefiċjarju jkun ipprovda evidenza falza sabiex ikun jista' jirċievi l-appoġġ, l-appoġġ għandu jkun irrifjutat u tiġi imposta penali amministrattiva. Il-penali amministrattivi għandhom jaslu sal-esklużjoni sħiħa minn miżura waħda jew iktar ta' appoġġ [jew tipi ta' operazzjonijiet] għal perjodu speċifikat."

12 L-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, intitolat "Definizzjonijiet", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"[...]

Id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw ukoll:

[...]

(2) 'nuqqas ta' konformità' tfisser:

(a) għall-kriterji ta' eliġibbiltà, l-impenji jew obbligi oħra relatati mal-kundizzjonijiet għall-għoti tal-għajnuna jew l-appoġġ imsemmi fl-Artikolu 67(2) tar-[Regolament Nru 1306/2013], kwalunkwe nuqqas ta' ħarsien ta' dawn il-kriterji ta' eliġibbiltà, impenji jew obbligi oħra; [...]

[...]

(13) 'skema ta' għajnuna għall-annimali' tfisser miżura ta' appoġġ akkoppjat u volontarju prevista fil-Kapitolu 1 tat-Titolu IV tar-[Regolament Nru 1307/2013] fejn il-pagament annwali li għandu jingħata fi ħdan limiti kwantitattivi ddefiniti huwa bbażat fuq għadd fiss ta' annimali;

[...]

(15) 'applikazzjoni ta' għajnuna għall-bhejjem' tfisser l-applikazzjonijiet għall-pagamenti tal-għajnuna fejn il-pagament annwali li għandu jingħata fi ħdan limiti kwantitattivi ddefiniti huwa bbażat fuq għadd fiss ta' annimali taħt l-appoġġ akkoppjat u volontarju previst fil-Kapitolu 1 tat-Titolu IV [tar-Regolament Nru 1307/2013];

(16) 'annimali ddikjarati' tfisser l-annimali soġġetti għal għajnuna għall-bhejjem taħt l-iskema ta' għajnuna għall-annimali jew soġġetti għal talba għall-pagament għal miżura ta' appoġġ relatata mal-annimali;

[...]

(18) 'annimal determinat' tfisser:

(a) għal skema ta' għajnuna għall-annimali, annimal li fil-każ tiegħu jkunu ġew sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha stipulati fir-regoli għall-għoti tal-għajnuna; jew

(b) għal miżura ta' appoġġ relatata mal-annimali, annimal identifikat permezz ta' verifiki amministrattivi jew verifiki fuq il-post;

[...]"

13 It-Titolu II tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, intitolat "Is-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll", jinkludi l-Kapitolu IV, intitolat "Kalkolu tal-għajnuna u tal-penali amministrattivi relatati mal-iskemi ta' pagamenti diretti u miżuri għall-iżvilupp rurali fil-kamp ta' applikazzjoni tas-sistema integrata", li jinkludi t-Taqsima 4, li min-naħa tagħha hija intitolata "Appoġġ akkoppjat u volontarju bbażat fuq applikazzjonijiet għall-għajnuna għall-bhejjem taħt l-iskemi ta' għajnuna għall-annimali jew l-appoġġ għall-iżvilupp rurali bbażat fuq talbiet għall-pagament li jaqgħu taħt il-miżuri ta' appoġġ relatati mal-annimali" u li tinkludi l-Artikolu 30, intitolat "Bażi tal-kalkolu". Dan l-Artikolu 30 jipprevedi, fil-paragrafi 1 sa 3 tiegħu:

"1. Fl-ebda każ ma għandha tingħata għajnuna jew appoġġ għal għadd ta' annimali akbar minn dak muri fl-applikazzjoni għall-għajnuna jew fit-talba għall-pagament.

2. L-annimali preżenti fl-impriża agrikola għandhom jiġu kkunsidrati biss bħala stabbiliti jekk ikunu identifikati fl-applikazzjoni għall-għajnuna jew fit-talba għall-pagament. L-annimali identifikati jistgħu jinbidlu mingħajr ma jintilef id-dritt għall-pagament tal-għajnuna jew l-appoġġ, sakemm il-benefiċjarju ma jkunx għadu ġie infurmat mill-awtorità kompetenti b'nuqqas ta' konformità fl-applikazzjoni jew it-talba jew ma jkunx għadu ngħata avviż dwar l-intenzjoni tal-awtorità li twettaq verifika fuq il-post. Meta Stat Membru ma jużax il-possibbiltà li jkollu sistema mingħajr talbiet għall-pagament, skont ir-regoli stabbiliti mill-Kummissjoni abbażi tal-Artikolu 78(b) tar-[Regolament Nru 1306/2013], dan għandu jiżgura bi kwalunkwe mezz li ma hemmx dubju dwar liema annimali huma koperti mill-applikazzjonijiet jew it-talbiet tal-benefiċjarji.

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 31, jekk l-għadd ta' annimali ddikjarati f'applikazzjoni għall-għajnuna jew talba għall-pagament jaqbeż dak stabbilit bħala riżultat ta' kontrolli amministrattivi jew verifiki fuq il-post, l-għajnuna jew l-appoġġ għandhom jiġu kkalkolati abbażi tal-annimali stabbiliti."

14 Skont l-Artikolu 31 tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, intitolat "Penali amministrattivi fir-rigward tal-annimali ddikjarati taħt l-iskemi ta' għajnuna għall-annimali jew miżuri ta' appoġġ relatati mal-annimali":

"1. Meta, fir-rigward ta' applikazzjoni għall-għajnuna fil-qafas ta' skema ta' għajnuna għall-annimali jew fir-rigward ta' talba għall-pagament fil-qafas ta' miżura ta' appoġġ marbuta mal-annimali jew ta' tip ta' operazzjoni fil-qafas ta' tali miżura ta' appoġġ, tinstab differenza bejn l-għadd ta' annimali ddikjarati u dak stabbilit skont l-Artikolu 30(3), l-ammont totali ta' għajnuna jew ta' appoġġ li jkun intitolat għalih il-benefiċjarju fil-qafas ta' dik l-iskema ta' għajnuna jew ta' dik il-miżura ta' appoġġ jew ta' tip ta' operazzjoni fil-qafas ta' tali miżura ta' appoġġ għas-sena

tat-talba kkonċernata għandu jitnaqqas bil-perċentwal li jrid jiġi stabbilit skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, jekk ma jinstabux iżjed minn tliet annimali b'nuqqas ta' konformità.

2. Jekk jinstabu aktar minn tliet annimali b'nuqqas ta' konformità, l-ammont totali ta' għajnuna jew ta' appoġġ li jkun intitolat għalih il-benefiċjarju fil-qafas tal-iskema ta' għajnuna jew tal-miżura ta' appoġġ jew tat-tip ta' operazzjoni fil-qafas ta' tali miżura ta' appoġġ, imsemmija fil-paragrafu 1 għas-sena tat-talba kkonċernata għandu jitnaqqas:

(a) bil-perċentwal li jrid jiġi stabbilit skont il-paragrafu 3, jekk ma jkunx iżjed minn 10 %;

(b) bid-doppju tal-perċentwal li jrid jiġi stabbilit skont il-paragrafu 3, jekk ikun iżjed minn 10 % iżda ma jkunx iżjed minn 20 %.

Jekk il-perċentwal stabbilit skont il-paragrafu 3 ikun iżjed minn 20 %, l-ebda għajnuna jew appoġġ li għalihom kieku l-benefiċjarju jkun intitolat skont l-Artikolu 30(3) ma għandhom jingħataw fil-qafas tal-iskema ta' għajnuna jew tal-miżura ta' appoġġ jew tat-tip ta' operazzjoni fil-qafas ta' din il-miżura ta' appoġġ għas-sena tat-talba kkonċernata.

Jekk il-perċentwal stabbilit skont il-paragrafu 3 ikun iżjed minn 50 %, l-ebda għajnuna jew appoġġ li għalihom kieku l-benefiċjarju jkun intitolat skont l-Artikolu 30(3) ma għandhom jingħataw fil-qafas tal-iskema ta' għajnuna jew tal-miżura ta' appoġġ jew tat-tip ta' operazzjoni fil-qafas ta' din il-miżura ta' appoġġ għas-sena tat-talba kkonċernata. Barra minn hekk, il-benefiċjarju għandu jkun soġġett għal penali addizzjonali ta' ammont li jkun daqs l-ammont li jikkorrispondi għad-differenza bejn l-għadd ta' annimali ddikjarati u l-għadd ta' annimali stabbiliti skont l-Artikolu 30(3). Jekk dak l-ammont ma jkunx jista' jiġi paċut għalkollox matul it-tliet snin kalendarji ta' wara s-sena kalendarja tas-sejba, f'konformità mal-Artikolu 28 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni [tal-Kummissjoni] (UE) Nru 908/2014 tas-6 ta' Awwissu 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni ta' kontijiet, ir-regoli dwar kontrolli, garanziji u trasparenza (ĠU 2014, L 255, p. 59, rettifika fil-ĠU 2015, L 114, p. 25)],
il-bilanċ pendenti għandu jiġi kkanċellat.

Għal speċijiet oħra għajr dawk imsemmija fl-Artikolu 30(4) u (5) ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jistabbilixxu għadd ta' annimali li jkun differenti mill-livell limitu ta' tliet annimali li huwa previst fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu. Meta jistabbilixxu dak l-għadd, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun sostanzjalment ekwivalenti għal dak il-livell limitu, billi fost l-oħrajn iqisu l-unitajiet ta' bhejjem u/jew l-ammont ta' għajnuna jew ta' appoġġ li jkun ingħata.

3. Sabiex jiġu stabbiliti l-perċentwali msemmija fil-paragrafi 1 u 2, l-għadd ta' annimali ddikjarati fil-qafas tal-iskema ta' għajnuna għall-annimali jew tal-miżura ta' appoġġ jew tat-tip ta' operazzjoni marbuta mal-annimali u li jinstabu b'nuqqasijiet ta' konformità għandu jiġi diviż bl-għadd ta' annimali li jkun ġie stabbilit għal dik l-iskema ta' għajnuna għall-annimali jew għal dik il-miżura ta' appoġġ jew tip ta' operazzjoni fil-qafas ta' miżura ta' appoġġ bħal dik fir-rigward tal-applikazzjoni għall-għajnuna jew tat-talba għall-pagament jew tat-tip ta' operazzjoni fil-qafas ta' miżura ta' appoġġ bħal dik għas-sena tat-talba kkonċernata.

[...]"

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 809/2014

15 L-Artikolu 15 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 809/2014 tas-17 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, tal-miżuri tal-iżvilupp rurali u tal-kundizzjonalità (ĠU 2014, L 227, p. 69), kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2333 tal-14 ta' Diċembru 2015 (ĠU 2015, L 329, p. 1) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 809/2014"), intitolat "Emendi fl-applikazzjoni unika jew fit-talba għall-ħlas u modifiki wara l-kontrolli preliminari", jipprevedi:

"1. Wara d-data finali ta' tressiq tal-applikazzjoni unika jew tat-talba għall-ħlas, fl-applikazzjoni unika jew fit-talba għall-ħlas jistgħu jiżdiedu jew jiġu rranġati l-ħbula raba' individwali jew id-drittijiet individwali għall-pagamenti, dejjem jekk jitħarsu r-rekwiżiti tal-iskemi ta' pagament dirett jew tal-miżuri tal-iżvilupp rurali kkonċernati.

[...]

3. Meta l-awtorità kompetenti tkun diġà għarrfet lill-benefiċjarju dwar xi każ ta' nuqqas ta' konformità fl-applikazzjoni unika jew fit-talba għall-ħlas, jew meta hija tkun avżat lill-benefiċjarju li beħsiebha twettaq verifika fuq il-post, jew meta verifika fuq il-post tiżvela xi nuqqas ta' konformità, l-emendi skont il-paragrafu 1 ma għandhomx ikunu awtorizzati għall-ħbula raba' affettwati min-nuqqas ta' konformità.

[...]"

16 L-Artikolu 21 ta' dan ir-regolament ta' implimentazzjoni, intitolat "Rekwiżiti marbutin mal-applikazzjoni għall-għajnuna relatata mal-bhejjem u mat-talbiet għall-ħlas fil-kuntest ta' miżuri ta' appoġġ relatati mal-annimali", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Applikazzjoni għall-għajnuna relatata mal-bhejjem kif iddefinita fil-punt (15) tat-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 2(1) tar-[Regolament Delegat Nru 640/2014] jew talba għall-ħlas fil-kuntest ta' miżuri ta' appoġġ relatati mal-annimali kif iddefinita fil-punt (14) tat-tieni sottoparagrafu tal-Artikolu 2(1) ta' dak ir-Regolament għandu jkun fiha l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tiġi stabbilita l-eliġibbiltà għall-għajnuna u/jew għall-appoġġ, u b'mod partikulari:

(a) l-identità tal-benefiċjarju;

(b) referenza għall-applikazzjoni unika jekk din tkun diġà ġiet sottomessa;

(c) l-għadd ta' annimali ta' kull tip li għalihom tkun qed titressaq applikazzjoni għall-għajnuna relatata mal-bhejjem jew talba għall-ħlas u, għall-annimali bovini, il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-annimali;

[...]"

Id-dritt Ungeriż

17 L-Artikolu 4 tal-a termeléshez kötött közvetlen támogatások igénybevételének szabályairól szóló 9/2015. FM rendelet (id-Digriet Nru 9 tal-Ministeru għall-Agrikoltura u għall-Iżvilupp Rurali dwar ir-Regoli ta' Użu tal-Għajnuniet Diretti Akkoppjati Marbuta mal-Produzzjoni), tat-13 ta' Marzu 2015 (iktar 'il quddiem id-"Digriet Ministerjali Nru 9/2015"), huwa fformulat kif ġej:

"[...]

2. It-Teżor tal-Istat għandu jiddeċiedi dwar l-għajnuna skont il-kontrolli previsti fir-[Regolament Delegat Nru 640/2014] u fid-dawl tar-regoli dwar it-tnaqqis u sanzjonijiet oħra previsti f'dan ir-regolament delegat.

[...]

4. Fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjonijiet għall-għoti tal-għajnuna, inklużi l-kundizzjonijiet tal-kundizzjonalità, ikkonstatat waqt il-kontrolli, għandhom jiġu applikati, fid-determinazzjoni tal-ammont tal-għajnuna, il-konsegwenzi legali previsti fl-Artikoli 13, 15, 30 sa 32, 34 u 37 sa 41 tar-[Regolament Delegat Nru 640/2014] fir-rigward tal-għajnuna prevista fil-Kapitolu II [...]

[...]"

18 Skont l-Artikolu 7(3) ta' dan id-digriet:

"Fid-dawl tal-kundizzjoni imposta mill-Artikolu 2(2) tad-Digriet Nru 8 tal-Ministeru għall-Agrikoltura u għall-Iżvilupp Rurali, tat-13 ta' Marzu 2015, dwar il-modalitajiet ta' użu tal-għajnuna diretta lill-produtturi agrikoli, in-numru minimu ta' annimali eliġibbli għall-għajnuna huwa annimal wieħed."

19 L-Artikolu 11(1)(e) tal-imsemmi digriet jipprovdi:

"Bidwi għandu dritt għal għajnuna għat-trobbija ta' baqar li jreddgħu jekk fil-merħla tiegħu ddikjarata għall-għajnuna jżomm iktar minn 50 % tal-għoġġiela għall-produzzjoni tal-laħam, u fil-merħla tiegħu li għaliha tkun intalbet l-għajnuna jkunu welldu mill-inqas 30 % tal-annimali matul is-sena ta' referenza u li minn dawk l-annimali li għalihom tkun intalbet l-għajnuna, jinżammu l-għoġġiela li twieldu matul il-perijodu ta' trobbija fl-istess merħla mal-ommijiet tagħhom għal mill-inqas xahar mill-jum tat-twelid tagħhom [...]"

It-tilwima fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

20 Fid-9 ta' Mejju 2019, SB ippreżenta, quddiem l-awtorità kompetenti fil-qasam tal-għajnuna agrikola, applikazzjoni għall-għoti ta' appoġġ akkoppjat marbut mal-produzzjoni għaż-żamma ta' ħdax-il baqra li jreddgħu.

21 Permezz ta' deċiżjoni tal-25 ta' Ġunju 2020, din l-awtorità ċaħdet l-applikazzjoni ta' SB għar-raġuni li, għall-perijodu kopert minn din l-applikazzjoni, tlieta biss mill-ħdax-il baqra koperti minnha kienu welldu, li kien jikkorrispondi għal rata ta' twellid ta' 27 %. B'hekk, ir-rekwiżit ta' rata ta' twellid minima ta' 30 % tal-annimali koperti minn tali applikazzjoni, previst fl-Artikolu 11(1)(e) tad-Digriet Ministerjali Nru 9/2015, ma kienx issodisfatt. L-imsemmija

awtorità qieset għalhekk li l-għajnuna ma setgħet tingħata għall-ebda wieħed mill-annimali ddikjarati fl-imsemmija applikazzjoni u li l-Artikolu 31 tar-Regolament Delegat Nru 640/2014 ma kienx applikabbli.

22 Permezz ta' deċiżjoni tas-16 ta' Novembru 2020, il-Ministru għall-Agrikoltura kkonferma d-deċiżjoni tal-25 ta' Ġunju 2020.

23 SB ippreżenta rikors kontra d-deċiżjoni tas-16 ta' Novembru 2020 quddiem il-Fővárosi Törvényszék (il-Qorti tal-Belt ta' Budapest, l-Ungerija), li hija l-qorti tar-rinviju, li fih sostna li l-Ministru għall-Agrikoltura kien wettaq żball ta' liġi, minn naħa, billi naqas milli japplika l-konsegwenzi legali, sanzjonijiet u tnaqqis previsti fl-Artikoli 30 u 31 tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, li għalihom jirreferi l-Artikolu 4(1) sa (3) tad-Digriet Ministerjali Nru 9/2015, u, min-naħa l-oħra, billi ma ħax inkunsiderazzjoni n-numru ta' annimali ddeterminati, fis-sens tal-punt 18 tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) ta' dan ir-regolament delegat, u lanqas in-numru ta' annimali mhux konformi, iżda ħa inkunsiderazzjoni biss in-numru ta' annimali ddikjarati, fis-sens tal-punt 16 tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) tal-imsemmi regolament delegat. Issa, skont l-Artikolu 30(3) tal-istess regolament delegat, l-ammont tal-appoġġ għandu jiġi kkalkolat abbażi tan-numru tal-annimali ddeterminati.

24 SB isostni wkoll, quddiem il-qorti tar-rinviju, li r-Regolament Delegat Nru 640/2014 ma jeżiġix li l-applikant għal għajnuna josserva l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' din l-għajnuna għall-annimali ddikjarati kollha. Skont SB, dan ir-regolament delegat jipprevedi, fil-każ ta' nuqqasijiet żgħar, tnaqqis tal-imsemmija għajnuna. SB huwa tal-opinjoni li, f'dan il-każ, għaxra mill-annimali tiegħu kellhom jitqiesu bħala "ddeterminati", jiġifieri bħala li kienu konformi mal-kundizzjonijiet għall-għoti tal-għajnuna, fis-sens tal-punt 18 tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) tal-imsemmi regolament delegat. Fil-fatt, peress li tlieta minn dawn l-annimali kienu welldu, ir-rata ta' twellid meħtieġa ta' 30 % kienet intlaħqet fir-rigward ta' għaxra mill-baqar tiegħu.

25 Għalhekk, SB isostni li kellu dritt għal għajnuna għal għaxar baqriet, skont l-Artikolu 30(3) u l-punt 18 tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, anki jekk, skont l-Artikolu 31(1) u (3) ta' dan ir-regolament delegat, l-ammont tal-għajnuna kellu, f'dan il-każ, jitnaqqas billi jittieħed inkunsiderazzjoni n-numru ta' annimali li ma kinux konformi.

26 Il-Ministru għall-Agrikoltura jsostni, quddiem il-qorti tar-rinviju, li l-Artikolu 31 tar-Regolament Delegat Nru 640/2014 huwa inapplikabbli. Skont dan il-ministru, il-fatt li r-rata tat-twellid ma tosservax dik stabbilita mill-Artikolu 11(1)(e) tad-Digriet Ministerjali Nru 9/2015 jaffettwa l-annimali ddikjarati kollha li għalihom ġiet ippreżentata applikazzjoni għall-ħlas tal-għajnuna. Huwa jsostni wkoll li l-Artikolu 31 ta' dan ir-regolament delegat jistabbilixxi r-regoli li għandhom jiġu applikati fil-każ ta' nuqqas ta' konformità ta' ċerti annimali, filwaqt li, f'dan il-każ, SB stess ma osservax il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-għajnuna peress li r-rata ta' twellid minima meħtieġa ma kinitx intlaħqet mill-merħla tiegħu. Fl-aħħar nett, filwaqt li jibbaża ruħu fuq l-Artikolu 53(1) tar-Regolament Delegat Nru 639/2014, il-Ministru għall-Agrikoltura jindika li d-determinazzjoni tal-kriterji ta' eliġibbiltà tal-applikazzjonijiet għal appoġġ taqa' taħt il-kompetenza tal-Istati Membri.

27 Il-qorti tar-rinviju għandha dubju, fl-ewwel lok, dwar jekk l-Artikolu 30(3) u l-Artikolu 31(3) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014 jipprekludux il-prassi ta' Stat Membru li tiċħad, fl-intier tagħha, applikazzjoni għall-ħlas ta' appoġġ akkoppjat marbut maż-żamma ta' baqar li jreddgħu meta r-rata ta' twellid meħtieġa mil-leġiżlazzjoni ta' dan l-Istat Membru ma tintlaħaqx mill-annimali ddikjarati, anki jekk din ir-rata tintlaħaq minn numru iżgħar ta' dawn l-annimali.

28 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tqis, bħalma jagħmel SB, li l-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni, li hija riflessa fil-premessi 28 u 31 tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, kienet li l-osservanza parzjali tal-kundizzjonijiet għall-għoti tal-għajnuna ma kellhiex twassal għan-nuqqas ta' ħlas tal-għajnuna iżda għall-ħlas ta' għajnuna mnaqqsa.

29 Il-qorti tar-rinviju tirrileva wkoll li mill-punt 18 tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014 jidher li dan tal-aħħar jistabbilixxi distinzjoni bejn il-kategorija tal-annimali ddikjarati mill-applikant għall-għajnuna u dik tal-annimali ddeterminati, peress li, skont id-definizzjoni li tinsab f'din id-dispożizzjoni, annimal iddeterminat huwa annimal li fir-rigward tiegħu jkunu ssodisfatti l-kundizzjonijiet kollha applikabbli għall-għoti ta' għajnuna.

30 Minn din id-definizzjoni li tinsab fl-imsemmija dispożizzjoni, mill-bażi għall-kalkolu tal-għajnuna, li hija ddeterminata skont l-Artikolu 30 tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, kif ukoll mill-ammont tas-sanzjoni fil-każ ta' nuqqas ta' konformità ta' ċerti annimali ddikjarati, li huwa ddeterminat skont l-Artikolu 31 ta' dan ir-regolament delegat, jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni ffavorixxa eżami tal-konformità tal-annimali kkunsidrati individwalment.

31 Issa, skont il-qorti tar-rinviju, il-prassi nazzjonali inkwistjoni ma tippermettix li ssir distinzjoni bejn l-annimali ddikjarati u l-annimali ddeterminati, li jmur kontra d-dispożizzjonijiet tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, li huma bbażati fuq il-prinċipji ta' bbilanċjar u ta' proporzjonalità u li jissanzjonaw, bħala dissważjoni, in-nuqqasijiet permezz ta' tnaqqis tal-għajnuna u, fil-każ ta' nuqqas ta' konformità serju biss, permezz taċ-ċaħda tal-applikazzjoni.

32 Fit-tieni lok, il-qorti tar-rinviju għandha dubju dwar liema huwa l-metodu li għandu jiġi segwit sabiex jiġi ddeterminat il-kwozjent li jippermetti li jiġi stabbilit it-tnaqqis tal-għajnuna, konformement mal-Artikolu 31(3) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014.

33 Fit-tielet lok, il-qorti tar-rinviju għandha dubju, essenzjalment, dwar jekk dan il-kwozjent għandux jiġi mmultiplikat b'100.

34 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Fővárosi Törvényszék (il-Qorti tal-Belt ta' Budapest) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"(1) Il-prattika ta' Stat Membru li skontha, meta, skont il-kriterju stabbilit mill-Istat Membru għad-dritt għal għajnuna, ir-rata ta' twelid milħuqa fir-rigward tan-numru ta' annimali ddikjarati tkun inqas minn dik meħtieġa u ddeterminata għall-annimali ddikjarati, it-talba għall-ħlas tal-għajnuna assoċjata mal-produzzjoni għall-baqar li jreddgħu għandha tiġi miċħuda kompletament, anki meta r-rata ta' twelid meħtieġa tintlaħaq fi ħdan grupp iżgħar tal-annimali ddikjarati, peress li perċentwali ta' twelid inqas minn dik meħtieġa mil-leġiżlazzjoni nazzjonali tirriżulta f'li ebda wieħed mill-annimali ddikjarati ma jkun ammess, hija konformi mal-Artikolu 30(3) tar-[Regolament Delegat Nru 640/2014], fid-dawl tal-premessi 28 u 31, tal-punti 16 u 18 [tat-tieni subparagrafu] tal-Artikolu 2(1) u tal-Artikolu 31(1) sa (3) ta' dan ir-regolament [delegat]?

(2) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għad-domanda preliminari preċedenti, fil-każ inkwistjoni, meta l-perċentwali ta' twelid milħuqa tkun inqas minn dik meħtieġa mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, b'teħid inkunsiderazzjoni tar-rekwiżiti ta' gradazzjoni u ta' proporzjonalità stabbiliti fil-premessi 28 u 31 tar-[Regolament Delegat Nru 640/2014] u tal-artikoli tad-dritt

tal-Unjoni ċċitati fl-ewwel domanda preliminari, in-numru ta' annimali ammessi fis-sens tal-punt 18 [tat-tieni subparagrafu] tal-Artikolu 2(1) u tal-Artikolu 30(3) tal-imsemmi regolament [delegat] għandu jiġi ddeterminat:

(a) billi jiġu kklassifikati bħala annimali ammessi biss dawk li jkunu welldu, jew

(b) billi jiġu kklassifikati bħala annimali ammessi dawk li, fost l-annimali ddikjarati, jifformaw il-grupp li fih tkun intlaħqet ir-rata ta' twelid stipulata fil-leġiżlazzjoni nazzjonali?

(3) Fid-dawl tal-Artikolu 30(3) u tal-Artikolu 31(1) u (2) tar-Regolament [Delegat] Nru 640/2014 u tar-rekwiżit ta' proporzjonalità stabbilit fil-premessa 31 tiegħu, l-Artikolu 31(3) ta' dan ir-regolament [delegat] għandu jiġi interpretat fis-sens li, sabiex tiġi ddeterminata l-bażi tas-sanzjoni, għandu jiġi stabbilit jew il-proporzjon bejn l-annimali mhux konformi u dawk konformi, jew il-proporzjon bejn l-annimali ddikjarati u dawk konformi, u, barra minn hekk, il-kwozjent hekk miksub għandu jiġi mmultiplikat ukoll b'100 sabiex tiġi kkalkolata l-perċentwali?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

35 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 30(3) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, moqri fid-dawl tal-premessi 28 u 31, tal-punti 16 u 18 tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1), u tal-Artikolu 31(1) sa (3) ta' dan ir-regolament delegat, għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi l-prassi ta' Stat Membru li tiċħad, fl-intier tagħha, applikazzjoni għal appoġġ akkoppjat meta ma tkunx issodisfatta kundizzjoni għall-għoti ta' dan l-appoġġ prevista fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, jiġifieri r-rekwiżit li l-annimali ddikjarati fl-applikazzjoni għall-għoti tal-imsemmi appoġġ jilħqu rata ta' twellid ta' 30 %, minflok ma tnaqqas l-ammont tal-appoġġ billi tapplika s-sanzjonijiet amministrattivi previsti fl-Artikolu 31(1) sa (3) tal-imsemmi regolament delegat.

36 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, il-Gvern Ungeriż isostni li l-prassi nazzjonali inkwistjoni tmur kontra l-Artikolu 11(1)(e) tad-Digriet Ministerjali Nru 9/2015, li jipprevedi li rata ta' twellid minima ta' 30 % għandha tintlaħaq għall-annimali li fir-rigward tagħhom tkun ġiet ippreżentata applikazzjoni għall-appoġġ akkoppjat, minħabba li l-intenzjoni tal-leġiżlatur nazzjonali ma kinitx li jistabbilixxi din ir-rata bħala kundizzjoni għall-għoti ta' dan l-appoġġ iżda li din ir-rata tintuża bħala metodu ta' kalkolu.

37 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, f'dak li jikkonċerna l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-ordinament ġuridiku nazzjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja hija bħala prinċipju marbuta li tibbaża ruħha fuq il-kunsiderazzjonijiet li jirriżultaw mid-deċiżjoni tar-rinviju. Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta d-dritt intern ta' Stat Membru (sentenza tal-5 ta' Diċembru 2023, Deutsche Wohnen, C-807/21, EU:C:2023:950, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38 Issa, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, skont il-prassi amministrattiva inkwistjoni, it-total tal-annimali ddikjarati għandu jilħaq rata ta' twellid minima ta' 30 % għas-sena koperta mill-applikazzjoni. Din ir-rata, li hija prevista fl-Artikolu 11(1)(e) tad-Digriet Ministerjali Nru 9/2015, hija kkunsidrata bħala kundizzjoni għall-għoti tal-appoġġ akkoppjat b'tali mod li, jekk din il-kundizzjoni ma tkunx issodisfatta mill-annimali ddikjarati fl-applikazzjoni għal dan

l-appoġġ, l-applikazzjoni tiġi miċħuda kollha kemm hi. Għaldaqstant, wieħed għandu jitlaq mill-premessa li r-rata ta' twellid minima ta' 30 % prevista f'dan id-digriet hija kundizzjoni għall-għoti tal-appoġġ akkoppjat li hija marbuta man-numru ta' annimali ddikjarati fl-applikazzjoni għall-għoti tal-appoġġ.

39 Peress li l-interpretazzjoni difiża mill-qorti tar-rinviju u minn SB tista' titqies li ddaħħal inkwistjoni l-possibbiltà għall-Istati Membri li jiddefinixxu l-kundizzjonijiet għall-għoti tal-appoġġ akkoppjat li għandhom jiġu ssodisfatti mill-annimali ddikjarati kollha, għandu jiġi rrilevat li r-Regolament Delegat Nru 639/2014, li ġie adottat abbażi tal-Artikolu 52(9) tar-Regolament Nru 1307/2013, jipprevedi, fl-Artikolu 53(1) tiegħu, li huwa intitolat preċiżament "Kundizzjonijiet għall-għoti tal-appoġġ", li l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-kriterji ta' eliġibbiltà għall-benefiċċju tal-miżuri ta' appoġġ akkoppjat konformement mal-qafas stabbilit fir-Regolament Nru 1307/2013 u mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-regolament delegat.

40 L-Istati Membri li jieħdu deċiżjoni ta' għoti ta' appoġġ akkoppjat volontarju jew li jeżaminaw mill-ġdid din id-deċiżjoni huma obbligati, skont l-Artikolu 54 tar-Regolament Nru 1307/2013, moqri flimkien mal-Artikolu 53(6) ta' dan ir-regolament u mal-Artikolu 67(1) tar-Regolament Delegat Nru 639/2014, jikkomunikaw id-deċiżjonijiet adottati f'dan ir-rigward lill-Kummissjoni. Konformement mal-punt 3(f) tal-Anness I tar-Regolament Delegat Nru 639/2014, huma għandhom jispeċifikaw, fil-komunikazzjonijiet magħmula lill-Kummissjoni, il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għal kull miżura ta' appoġġ.

41 Mid-dispożizzjonijiet imsemmija fiż-żewġ punti preċedenti ta' din is-sentenza jirriżulta li l-Istati Membri għandhom, bla ħsara għall-osservanza tal-qafas stabbilit fir-Regolament Nru 1307/2013 u tal-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament Delegat Nru 639/2014, setgħa ta' evalwazzjoni sabiex jiddefinixxu l-kriterji jew il-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà għall-benefiċċju tal-miżuri ta' appoġġ akkoppjat, kif irrilevat essenzjalment l-Avukata Ġenerali fil-punt 28 tal-konklużjonijiet tagħha.

42 Issa, jekk Stat Membru, fil-kuntest tas-setgħa ta' evalwazzjoni tiegħu, jiddefinixxi bħala "kriterju ta' eliġibbiltà", fis-sens tal-Artikolu 53(1) tar-Regolament Delegat Nru 639/2014, kriterju li għandu jiġi ssodisfatt mill-annimali ddikjarati kollha, bħalma huwa dak inkwistjoni, u jekk dan il-kriterju ma jkunx issodisfatt, l-ebda annimal iddikjarat ma jkun jista', bħala prinċipju, jitqies bħala "annimal iddeterminat", fis-sens tal-punt 18 tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) ta' dan ir-regolament delegat.

43 Barra minn hekk, rata ta' twellid minima ta' 30 %, li hija intiża, kif jirriżulta mill-osservazzjonijiet tal-Gvern Ungeriż, sabiex tinkoraġġixxi lill-bdiewa jżommu b'mod sostenibbli, jew saħansitra jżidu, il-merħla tagħhom tidher xierqa sabiex tiggarantixxi t-twettiq tal-għan imfittex.

44 Fir-rigward tal-Artikolu 30(3) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014 li huwa s-suġġett tal-ewwel domanda preliminari, din id-dispożizzjoni tipprevedi li, bla ħsara għall-Artikolu 31 ta' dan ir-regolament delegat, jekk in-numru ta' annimali ddikjarati f'applikazzjoni għal għajnuna jew f'talba għal ħlas ikun ikbar min-numru ta' annimali ddeterminati wara kontrolli amministrattivi jew kontrolli fuq il-post, l-ammont tal-għajnuna jew tal-appoġġ għandu jiġi kkalkolat abbażi tan-numru tal-annimali ddeterminati.

45 Mill-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni jirriżulta li, fl-ipoteżi li n-numru ta' annimali ddeterminati jkun inqas min-numru ta' annimali ddikjarati fl-applikazzjoni, l-ammont tas-sostenn għandu jiġi kkalkolat abbażi tan-numru ta' annimali ddeterminati. Għaldaqstant, l-għajnuna mitluba tista' tingħata għal numru ta' annimali iżgħar minn dak iddikjarat fl-applikazzjoni għal għajnuna.

46 Madankollu, l-Artikolu 30(3) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014 ma japplikax meta ma jkun hemm ebda annimal iddeterminat, bħalma huwa l-każ hawnhekk. B'mod partikolari, din id-dispożizzjoni ma tistabbilixxix il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' appoġġ akkoppjat peress li d-determinazzjoni ta' dawn il-kundizzjonijiet taqa', konformement ma' dak li ġie kkonstatat fil-punti 39 sa 41 ta' din is-sentenza, fil-kompetenza tal-Istati Membri. Kif irrilevat l-Avukata Ġenerali fil-punt 30 tal-konklużjonijiet tagħha, l-imsemmi Artikolu 30(3) jiddetermina biss il-kriterji li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-kalkolu ta' appoġġ akkoppjat. Din l-interpretazzjoni hija kkonfermata mit-titolu ta' dan l-Artikolu 30, jiġifieri "Bażi tal-kalkolu".

47 L-Artikolu 30(3) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014 għalhekk ma jistax jiġi interpretat bħala li jimponi obbligu li kundizzjoni għall-għoti ta' appoġġ, li tkopri l-annimali kollha ddikjarati fl-applikazzjoni, tiġi applikata għal numru iktar ristrett ta' dawn l-istess annimali.

48 Fir-rigward tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, li huwa s-suġġett tal-ewwel domanda preliminari, din id-dispożizzjoni sempliċement tiddefinixxi, fil-punt 16 tagħha, il-kategorija tal-"annimali ddikjarati" bħala dawk li huma s-suġġett ta' applikazzjoni għal għajnuna u, fil-punt 18, il-kategorija tal-annimali ddeterminati. "Annimal iddeterminat" huwa, skont il-punt 18(a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) ta' dan ir-regolament delegat, fil-kuntest ta' skema ta' għajnuna marbuta mal-annimali, annimal li fir-rigward tiegħu jkunu ssodisfatti l-kundizzjonijiet kollha applikabbli għall-għoti ta' għajnuna u, skont il-punt 18(b) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) tal-imsemmi regolament delegat, fil-kuntest ta' miżura ta' appoġġ marbut mal-annimali, annimal identifikat permezz ta' kontrolli amministrattivi jew fuq il-post. L-imsemmija dispożizzjoni ma timponix, madankollu, obbligu li kundizzjoni għall-għoti ta' appoġġ li għandha tiġi ssodisfatta mill-annimali ddikjarati kollha, bħalma hija r-rata ta' twellid minima inkwistjoni, tiġi applikata għal numru iktar ristrett ta' annimali, b'mod li ċerti annimali ddikjarati jiġu ddeterminati.

49 Fir-rigward tal-Artikolu 31 tar-Regolament Delegat Nru 640/2014 li għalih tirreferi l-ewwel domanda, dan l-artikolu huwa intitolat "Penali amministrattivi fir-rigward tal-annimali ddikjarati taħt l-iskemi ta' għajnuna għall-annimali jew miżuri ta' appoġġ relatati mal-annimali", u jipprevedi, fil-paragrafi 1 sa 3 tiegħu, li l-ammont tal-għajnuna għandu jitnaqqas meta tiġi kkonstatata differenza bejn l-annimali ddikjarati u l-annimali ddeterminati skont l-Artikolu 30(3) ta' dan ir-regolament delegat f'applikazzjoni għal għajnuna.

50 Mill-formulazzjoni tal-Artikolu 31(1) tal-imsemmi regolament delegat jirriżulta li t-tnaqqis previst f'dan l-Artikolu 31 huwa intiż li jiġi applikat biss fl-ipoteżi msemmija fl-Artikolu 30(3) tal-istess regolament delegat. Barra minn hekk, kif jikkonferma t-titolu tiegħu, l-imsemmi Artikolu 31 huwa intiż li jirregola s-sanzjonijiet applikabbli fil-każ ta' nuqqas ta' konformità ta' applikazzjoni għal għajnuna. B'mod partikolari, l-applikazzjoni tat-tnaqqis previst f'dan l-artikolu timplika li d-dritt għall-għajnuna jeżisti u għalhekk li l-kriterji ta' eliġibbiltà jkunu, kif irrilevat l-Avukata Ġenerali fil-punti 44 u 46 tal-konklużjonijiet tagħha, bħala prinċipju ssodisfatti u, għalhekk, bħall-Artikolu 30(3) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, ma hijiex intiża li tirregola l-kundizzjonijiet stess għall-għoti tal-appoġġ.

51 Minn dan isegwi li la l-Artikolu 30(3) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014 u lanqas l-Artikolu 31 ta' dan ir-regolament ma jipprekludu l-prassi amministrattiva inkwistjoni msemmija fil-punt 38 ta' din is-sentenza.

52 Il-premessi 28 u 31 tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, li għalihom tirreferi l-ewwel domanda, ma jdaħħlux inkwistjoni din l-interpretazzjoni.

53 Minn naħa, għalkemm mill-premessa 28 ta' dan ir-regolament delegat jirriżulta li l-każijiet ta' nuqqas ta' konformità jwasslu biss għan-nuqqas ta' eliġibbiltà tal-annimal ikkonċernat, l-użu tal-espressjoni "annimal ikkonċernat" fis-singular, f'ċerti verżjonijiet lingwistiċi, ma jistax jiġi interpretat bħala li jimponi l-applikazzjoni ta' kundizzjoni għall-għoti ta' appoġġ, li tkopri l-annimali kollha ddikjarati fl-applikazzjoni, għal numru iktar ristrett ta' dawn l-istess annimali. Din l-espressjoni ġenerika għandha tinftiehem bħala "l-annimal jew l-annimali kkonċernati", peress li n-numru ta' annimali kkonċernati jiddependi mill-kriterji ta' eliġibbiltà u mill-annimali ddikjarati fl-applikazzjonijiet għal appoġġ inkwistjoni.

54 Min-naħa l-oħra, għalkemm mill-premessa 31 tar-Regolament Delegat Nru 640/2014 jirriżulta li r-rifjut li jingħataw il-miżuri ta' appoġġ favur l-iżvilupp rurali għandu jiġi applikat filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-prinċipji ta' dissważjoni u ta' proporzjonalità, l-esklużjoni mill-benefiċċju tal-appoġġ akkoppjat ma tistax titqies li hija sproporzjonata peress li din ma hijiex sanzjoni iżda hija s-sempliċi konsegwenza tan-nuqqas ta' osservanza tal-kriterji ta' eliġibbiltà għall-għoti tal-appoġġ (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-24 ta' Mejju 2007, Maatschap Schonewille-Prins, C-45/05, EU:C:2007:296, punt 58, kif ukoll tad-29 ta' Frar 2024, Eesti Vabariik (Põllumajanduse Registrite ja Informatsiooni Amet), C-437/22, EU:C:2024:176, punt 56 u l-ġurisprudenza ċċitata).

55 Barra minn hekk, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 30(3) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014 difiża mill-qorti tar-rinviju u minn SB, fis-sens li dan tal-aħħar għandu jkollu dritt għal appoġġ għal għaxar baqriet, tista' titqies, kif enfasizzat, essenzjalment, l-Avukata Ġenerali fil-punt 34 tal-konklużjonijiet tagħha, bħala li tippermetti lill-applikant inaqqas *a posteriori* n-numru ta' annimali ddikjarati fl-applikazzjoni għal appoġġ.

56 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li mill-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-Ungerija tapplika, fir-rigward tal-appoġġ marbut maż-żamma ta' baqar li jreddgħu, is-sistema bbażata fuq applikazzjonijiet, prevista fl-Artikolu 21(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 809/2014. Għaldaqstant, l-applikant għandu jindika, skont il-punt (c) ta' din id-dispożizzjoni, in-numru ta' annimali ddikjarati u, fir-rigward tal-annimali tal-ifrat, il-kodiċi ta' identifikazzjoni eżatt ta' kull wieħed minnhom. Peress li għandu l-inizjattiva sabiex jippreżenta applikazzjoni, dan l-applikant jista' jiddikjara fiha dawk l-annimali biss li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà, u mhux l-annimali kollha li huwa jżomm. Madankollu, ladarba l-annimali ddikjarati jiġu indikati f'din l-applikazzjoni, kif irrilevat l-Avukata Ġenerali fil-punt 36 tal-konklużjonijiet tagħha, id-dispożizzjonijiet ikkunsidrati flimkien tal-Artikolu 15(3) u tal-Artikolu 21(1)(c) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 809/2014 jipprojbixxu l-modifika tat-talba għall-ħlas, inkluż in-numru ta' annimali ddikjarat fiha, meta l-awtorità kompetenti tkun diġà informat lill-benefiċjarju dwar in-nuqqasijiet ta' konformità li jkun hemm f'din it-talba. Skont il-punt 2(a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, nuqqas ta' konformità jirriżulta minn kull nuqqas ta' osservanza tal-kriterji ta' eliġibbiltà.

57 Issa, f'dan il-każ, l-awtorità kompetenti informat lil SB dwar in-nuqqasijiet ta' konformità fil-25 ta' Ġunju 2020 meta ċaħdet l-applikazzjoni għal appoġġ billi indikat li r-rata ta' twellid ta' 30 % ma kinitx intlaħqet. F'każ bħal dan, ma huwiex possibbli, skont il-kunsiderazzjonijiet preċedenti, li jitnaqqas *a posteriori* n-numru ta' annimali ddikjarati fl-applikazzjoni.

58 Għalhekk, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 30(3) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014 difiża mill-qorti tar-rinviju u minn SB tmur kontra l-Artikolu 15(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 809/2014, moqri flimkien mal-Artikolu 21(1)(c) ta' dan ir-regolament ta' implimentazzjoni.

59 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li r-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 30(3) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, moqri fid-dawl tal-premessi 28 u 31, tal-punti 16 u 18 tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1), u tal-Artikolu 31(1) sa (3) ta' dan ir-regolament delegat, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix il-prassi ta' Stat Membru li tiċħad, fl-intier tagħha, applikazzjoni għal appoġġ akkoppjat meta ma tkunx issodisfatta kundizzjoni għall-għoti ta' dan l-appoġġ prevista fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, jiġifieri r-rekwiżit li l-annimali ddikjarati fl-applikazzjoni għall-għoti tal-imsemmi appoġġ jilħqu rata ta' twellid ta' 30 %, minflok ma tnaqqas l-ammont tal-appoġġ billi tapplika s-sanzjonijiet amministrattivi previsti fl-Artikolu 31(1) sa (3) tal-imsemmi regolament delegat.

Fuq it-tieni u t-tielet domanda

60 Fid-dawl tar-risposta mogħtija għall-ewwel domanda, ma hemmx lok li tingħata risposta għat-tieni u għat-tielet domanda peress li dawn id-domandi saru mill-qorti tar-rinviju fil-każ biss li, essenzjalment, l-Artikolu 30(3) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014 jipprekludi l-prassi nazzjonali inkwistjoni.

Fuq l-ispejjeż

61 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 30(3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 640/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll u l-kundizzjonijiet għar-rifjut jew l-irtirar ta' pagamenti u penali amministrattivi applikabbli għall-pagamenti diretti, l-appoġġ għall-iżvilupp rurali u l-kundizzjonalità, kif emendat bir-Regolament Delegat tal-Kumissjoni (UE) 2016/1393 tal-4 ta' Mejju 2016, moqri fid-dawl tal-premessi 28 u 31, tal-punti 16 u 18 tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 2(1), u tal-Artikolu 31(1) sa (3) tar-Regolament Delegat Nru 640/2014, kif emendat bir-Regolament Delegat 2016/1393,

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

ma jipprekludix il-prassi ta' Stat Membru li tiċħad, fl-intier tagħha, applikazzjoni għal appoġġ akkoppjat meta ma tkunx issodisfatta kundizzjoni għall-għoti ta' dan l-appoġġ prevista fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, jiġifieri r-rekwiżit li l-annimali ddikjarati fl-applikazzjoni għall-għoti tal-imsemmi appoġġ jilħqu rata ta' twellid ta' 30 %, minflok ma tnaqqas l-ammont tal-appoġġ billi tapplika s-sanzjonijiet amministrattivi previsti fl-Artikolu 31(1) sa (3) tal-imsemmi regolament delegat, kif emendat.

Firem